MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2005

Numru 206/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**LUKE FARRUGIA.**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-akkuzi migjuba kontra Luke Farrugia ta’ 17-il-sena imwieled Pieta’ nhar it-22 ta’ Novembru 1987, bin David u Maria Regina nee’ Mazzelli, u residenti “Saturn Flats”, Flat 6, Triq il-Flotta, Gzira, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 530087M;

Talli nhar il-5 ta’ Marzu, 2005, gewwa l-Villagg Industrijali ta’ San Gwann, fl-inhawi ta’ Birkirkara u f’dawn il-gzejjer;

1) volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, li hi propjeta’ pubblika, liema hsara hi aktar minn hames mitt lira maltin;

2) U aktar talli liema propjeta’ mhassra, danneggata jew mgharqa, hi ta’ natura jew importanza geologika, paleontologika, arkeologika, arkittetonika, artistika jew storika;

3) Kisser, garraf, sfigura jew b’xi mod iehor ghamel hsara lil monument, statwi jew oggetti ohra ta’ arti li qeghdin ghall-vantagg tal-pubbliku jew ghaz-zina pubblika, u li kienu gew imwaqqfa mill-awtorita’ pubblika, jew bis-setgha taghha;

4) Talli bi kliem, b’gesti, b’kitba stampata jew le, b’stampi jew b’xi mod iehor vizzibli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta’ Malta, inkella offenda r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta’ din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga lit kun oggett ta’ devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew lit kun ikkonsagrata jew destinata biss ghad-devozzjoni ta’ din ir-religjon;

Wara illi rat l-Artikoli 325 (1)(a) (2), 161 u 163 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll l-ammissjoni bikrija ta’ l-imsemmi Luke Farrugia.

Kif ukoll wara li din il-Qorti tat zmien rikjest mil-ligi, sabiex l-istess imputat jikkonsidra l-ammissjoni tieghu;

U wara illi l-imsemmi Luke Farrugia, kkonferma l-istess ammissjoni, din il-Qorti, fil-waqt li ssibu hati, qieghda tpoggih taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum, a tenur ta’ l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------